FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

29 t'Ottubru 2014

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tmienja u Tletin (38) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tmienja u Tletin (38) Laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tlieta 21 t'Ottubru 2014 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar ta L-art Mekkanizzat
10. Traffiku u Parkegg
11. Bankini Balzunetta
12. Arblu tal-bandiera fi Triq Sant'Anna
13. Genna ta` Gonna...U Hafna Aktar!
14. Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi
15. Assemblea Generali Furjaniza
16. Programm ta Hidma 2012-2015
17. Kompetizzjoni ta' Presepji / Gallarijiet mzejna fi Zmien il-Milied
18. Monument tal-V.18
19. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tmienja u Tletin (38) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**

**Is-Sindku Nigel Holland attenda wara materja nru 3.1.**
**Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda wara materja nru 3.2.**
**L-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Jean Zarb ma kienx prezenti.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Vici Sindku Matthew Paris.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sebgha u tletin (37) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq cirkolari bit-titlu “Nehduk Ghawdex”. Il-Kunsillier Vincent Borg spjega li l-idea hi li l-anzjani jittiehdu Għawdex ghal erbat ijiem f'lukanda. Huwa qal li jekk din tkun organizzata mill-Kunsill, l-organizzaturi kienu ser joffru t-trasport. Il-Vici Sindku ppropona li l-Kunsill jghaddi kopja ta' din ic-cirkolari lid-Dar tal-Anzjani u lill-Floriana Senior Citizens kif ukoll li din ic-cirkolari titwahhal fin-noticeboards sabiex ikun jista' jigi ffurmat grupp. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ghandu jiccekkja jekk min ikollu inqas minn sittin sena jistax jigi inkluz fil-pakkett u nforma li ser javza lis-Segretarju Ezekuttiv bir-rizultat.

**Nota: 17:43 Is-Sindku Nigel Holland attenda ghal-laqgha.**

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal ilment minghand Agius Printing Press fejn kien ilmenta li kien qed jidhollu l-ilma. Huwa qal li l-Kunsill kien talab lill-Perit tieghu sabiex jinvestiga li min-naha tieghu kien hareg rapport biex tinstab soluzzjoni ghal din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob stima ghax-xoghol propost f'dan ir-rapport.

**Nota: 17:48 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

3.3 Is-Sindku Nigel Holland għamel riferenza għat-talba ta' Archimed Projects ghar-riduzzjoni tat-tarrifa tal-iscaffolding. Is-Sindku Nigel Holland qal li kienet intalbet stima ghat-tnehhija tad-dawl li kienet tammonta ghal €900 + VAT u zied jghid li ghalhekk jekk dawn jaqblu li x-xoghol isir minnhom, allura dan l-ammont ghandu jitnaqqas mit-tariffa mizmuma mill-Kunsill ghall-armar tal-iscaffolding. Is-Sindku Nigel Holland fakkar lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jitkejjel l-iscaffolding li ntrama kif ukoll jiehu nota ta' meta beda jintrama'. Il-Kunsill qabel.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Avukat tal-kuntrattur Wilson Mifsud fejn kien qed jikkontesta d-default notice li l-Kunsill hareg lis-Sur Mifsud. Is-Sindku Nigel Holland qal li jhoss li l-ahhar kumment f'din l-ittra kien wiehed ta' natura insolenti. Is-Sindku qal li ma jaqbilx ma' dan il-kumment minhabba li nnota xi hmieg f'post partikolari li ilu hemm zmien twil. Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb bl-avukat tieghu li l-Kunsill ser jibqa' jsostni l-fatti kif jafhom hu u li hemm bizzejjed evidenza biex juri li tali decizjoni kienet wahda ragjonevoli u gusta.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal-laqgha li nzammet mal-President rigward il-Forum tal-Presidnet ghar-Rigenerazzjoni tal-Floriana, fejn informa li kien hemm ftehim li r-rapporteurs jaghmlu laqgha pubblika dwar ir-rapport taghhom. Is-Sindku talab lill-kunsillieri sabiex ituh gurnata u hin meta kienu ser isiru l-laqghat tar-rapport taghhom. Gie maqbul li l-granet ikunu kif gej:

| | |
|---|---|
| Il-Kunsillier Vincent Borg | – 3 ta' Novembru 2014 fis-7pm; |
| Il-Vici Sindku Matthew Paris | – 4 ta' Novembru 2014 fis-7pm; |
| Il-Kunsillier Edward Torpiano | – 5 ta' Novembru 2014 fis-6.30pm; |
| Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili | – 6 ta' Novembru 2014 fis-6pm. |

3.6 Is-Sindku Nigel Holland informa li t-timer tad-dwal tall-monument ta' Vilhena kien qed jahdem hazin u d-dawl kien qed jixghel tard u kien hemm bzonn li jigi aggustat. Il-Kunsill qabel li ghandu jirraporta dan lill-VFRP.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-mappa tal-lokalita` li hemm fit-Telgha tal-Kurcifiss kienet giet mifqugha. Ghalhekk huwa ppropona li din tigi rrangata biex il-mappa tkun fid-direzzjoni gusta li l-mappa tindika ukoll il-lokazzjoni tal-persuna li tkun qed thares lejha. Il-Kunsill qabel li tingieb stima biex isir dan ix-xoghol.

3.8 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Floriana Heritage Trail leaflets kienu waslu biex jispiccaw u saqsa jekk il-Kunsill hux ser jikkunsidra jerga' jippubblika ammont iehor. Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li tittella' soft copy ta' dan il-booklet fuq is-sit tal-Kunsill sabiex wiehed ikun jista' jaccessah u jiddawnlowdjah minn hemm. Il-Kunsill qabel mal-proposta kif ukoll qabel li ghandu jitlob stima ghall-pubblikazzjoni ta' ammont minn dawn il-booklets.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsill sabiex jikkoncedi laqgha lis-Sur Ray Debono Roberts. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hilii ppproponiet li l-Kunsill jistiednu jigi matul l-Assemblea Generali Furjaniza. Is-Sindku Nigel Holland qal li s-Sur Debono Roberts jixtieq li l-laqgha tkun mal- kunsillieri. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jiffissa data.

3.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk hux ser tintbaghat cirkolari lill-kulhadd fid-djar wara li tinzamm il-laqgha mal-President ET M.L. Coleiro Preca. Is-Sindku wiegeb li kellha tintbaghat cirkolari kif propost.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland sostna li kull att ta' vandalizmu ghandu jintbaghat lill-Pulizija. Huwa kompla billi qal li kienet giet vandalizzata il-pjanca li l-Kunsill kien ghamel b'tifkira lill-Perit Godwin Drago. Huwa qal li l-familjari tieghu kienu qed joffru li l-plakka ssir tal-irham a spejjez taghhom. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-proposta li kien ressaq fil-laqgha precedentii sabiex titnehha r-rampa li hemm mal-bankina fi Triq John Lopez. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien mar fuq il-post u li kien minnu li din ir-rampa kienet qed tkerrah. Huwa qal li ladarba issa l-Ambaxxata Amerikana kienet telqet mil-lokalita', xi vetturi setghu jipparkjaw hdejn l-eks Ambaxxata. Il-Kunsill qabel b'maggoranza li din ir-rampa ghandha titnehha bil-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili jivvotaw kontra din il-proposta. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li ghandu jitlob lil Transport Malta sabiex jergghu isiru l-linji ta' parkegg bhalma kienu precedentement qabel ma giet l-ambaxxata Amerikana.

## <u>4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa lis-Sindku jekk kienx hemm xi risposta dwar it-talba

ghal laqgha mal-Ministru Zammit Lewis. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li s'issa ma kien gie moghti l-ebda risposta.

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-attivita' ghal breast cancer awareness li tinzamm fix-xahar ta' Novembru u pproponiet li l-Kunsill jistieden lill-membri tal-ewwel distrett taz-zewg partiti kif ukoll lill-President ta' Malta. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

4.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-ammont ta' hmieg u mbarazz li qed jithalla fit-Telgha tal-Kurcifiss minn bar li hemm f'din l-istess triq. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jitlob lill-gwardjani lokali sabiex jinvestigaw u jekk hemm bzonn iharrek.

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat ukoll li l-bar kien qed johrog xi mwejjed barra. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika jekk in-negozju kellux permess jarma l-imwejjed biex f'kaz li le, dan ikun mitlub ihallas it-tariffi necessarji.

4.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamel riferenza ghal ilment imressaq minn resident dwar skip fi Triq San Frangisk li thalliet fil-post iktar mill-perjodu permessibli. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-kuntrattur ghandu jitharrek tal-perjodu zejjed li halla l-iskip fit-triq minghajr permess.

4.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienx hemm xi zvilupp rigward l-isleeping policeman fi Triq San Frangisk. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kellu jmur mas-Segretarju Ezekuttiv fuq il-post sabiex jigi ddeterminat x'hemm bzonn isir.

4.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk kienx hemm xi zvilupp dwar l-scarifying ta' Triq il-Fosos. Is-Segretarju Ezekuttiv qal lii s'issa ma kienx ircieva l-ebda risposta.

4.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-Kunsill irciviex xi korrispondenza minghand KDF Ltd. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ma kien ircieva l-ebda korrispondenza.

4.9 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill kienx ircieva risposta minghand il-Kuntrattur / l-applikant tal-permess li allegatament kreja sadd fl-isprall fi Triq San Tumas. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien ikkuntattja lill-kuntrattur li qal li l-konkos kien isir fuq il-bejt u li huma kienu lahalhu l-bajla mill-halib u li l-isprall kien diga mizdud meta sar it-tlahlih.

4.9.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien kellem lill-kuntrattur Wilson Mifsud minkejja li r-responsabbilta' tal-ispralli kienet taqa' taht is-Sindku.

4.9.2 Is-Sindku qal li ma setax jifhem ghalfejn il-Kunsillier Borg ghamel din ir-rimarka minhabba li hu jaghmel diversi affarijiet li jkunu jaqghu taht kunsillieri ohra.

4.9.3 Il-Kunsillier Borg qal li hu kien qed jghid hekk ghax ma kienx l-ewwel darba li javvicinawh nies li jghidulu li meta jkunu ressqu xi ilment lis-Sindku, dan jghidilhom biex ikellmu lill-kunsillier responsabbli minflok jiehu l-ilment u jressqu hu.

4.9.4 Is-Sindku qal li dan ma kienx minnu u li hu kien jiehu l-ilment xorta wahda izda jissuggerixxi lin-nies li jekk jaraw lill-kunsillier responsabbli, ifakkru lilu wkoll.

4.9.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.9.1 u kompla billi qal li l-kuntrattur Mifsud kien informah li dan l-isprall instadd minhabba li tkisser xi konkos fih u li jekk hemm xi sadd fil-katusa, hu ma seta' jaghmel xejn biex jiftahha u li kellu jiehu hsieb jirranga l-katusa min kien responsabbli minnha.

4.9.6 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratturi ahwa Attard talbu li jkunu prezenti ghal xi xoghol li jkun ser isir fuq dan l-isprall. Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li

l-kuntrattur Wilson Mifsud ghandu jkun prezenti wkoll fl-istess hin sabiex tinstab soluzzjoni mal-kuntratturi. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien ghadda xi minuti biex jigu ccirkolati.

**Nota: 18:25 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghad-dawl tal-Milied u qal li hu kien ipprepara abbozz ghall-kwotazzjoni. Huwa kompla billi qal li nel frattemp kien sab kuntrattur li kien lest jaghmel dan ix-xoghol b'€1150, jigiefireri irhas mill-kwotazzjonijiet li keinu gew sottomessi fil-passat. Il-Kunsill qabel li johrog l-ordni tax-xoghol ghall-ammont ta' €1150.

6.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li jinxteghlu s-sigar fi Triq Sant'Anna ghal zmien il-Milied. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hli pproponiet li l-Kunsill jitlob lill-Ministru Joe Mizzi sabiex jixghel ukoll il-Bieb tal-Bombi fi zmien il-Milied. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq it-talbiet lil min hu responsabbli.

**Nota: 18:30 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 97-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu kien ser jastjeni mill-pagamenti dovuti lill-Jobbers u lill-JF Security.

7.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li hi kienet ser tastjeni mill-pagamenti dovuti lil KDF Ltd. u Karl De Flavia.

7.4 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm xi pagamenti pendenti lill- Floriana Young Stars Hockey Club. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu ma kien ircieva l-ebda talba ghall-hlas.

7.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hil pproponet li l-kunsillieri jaghtu xi haga mill-allokazzjoni bhala donazzjoni ghall-Istrina. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu decizjoni ladarba jircievi l-korrispondenza ufficjali.

7.6 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12253 sa 12387, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, ET, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.7 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.8 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq stima ghall-grada galvanizzata fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V li tammonta ghal €1003. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi b'din l-istima.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

**Nota: 18:33 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

## 9.0 Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar ta L-art Mekkanizzat

9.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ghall-approvazzjoni r-regoli riveduti ghall-kmamar tan-nar li jippartecipaw fil-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-riizultat kien:

Favur: 4 (ET, VB, NH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 18:35 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

## 10.0 Traffiku u Parkegg

10.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien iltaqa' ma' persuna responsabbli mill-immanigjar tat-traffiku fit-toroq.

10.2 Huwa qal li kienu gew diskussi l-kwistjonijiet ta' Balzunetta kif ukoll ta' Triq San Frangisk u Triq il-Kapuccini.

10.3 Il-Kunsillier Vincent Borg semma wkoll il-kwistjoni ta' Triq Sarria fejn mill-parking area wiehed seta' johrog lejn il-Knisja. Huwa qal li jidher li din il-bicca tal-hrug kienet giet maghluqa u qeghdin jipparkjaw il-karozzi fiha.

**Nota: 18:39 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

10.4 Il-Kunsillier Borg qal li ghalhekk hu kien qed jipproponi li Triq Sarria terga' tigi two way sabiex jittaffa t-traffiku minn Triq Sant'Anna. Huwa qal li dawn il-proposti kienu msemmija kollha fir-rapport tieghu.

**Nota: 18:40 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

## 11.0 Bankini Balzunetta

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kienx

tkellem mal-kuntrattur rigward it-tkomplija tax-xoghol fi Triq il-Konservatorju. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li kien tkellem mal-kuntrattur xi jiem qabel.

11.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kinietx tippermetti li x-xoghol jitkompla. Is-Sindku wiegeb li s-sitwazzjoni kienet kemmxejn ahjar u ghalhekk il-Kunsill seta' jikkunsidra li x-xoghol jitkompla.

11.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li L-kuntrattur u l-Kunsill jaqblu fuq pjan ta' hidma.

11.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li dan id-dewmien kollu ma kienx tollerabli.

11.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li jigu rrangati l-bollards. Il-Kunsill qabel.

## 12.0 Arblu tal-bandiera fi Triq Sant'Anna

12.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li hu ser jitkellem mal-Perit Chris Mintoff rigward l-estim.

12.2 Is-Sindku kompla billi qal li kien tkellem ma' lokalitajiet li kellhom arblu sabiex jiehu l-hsibijiet taghhom jekk l-arblu jkunx ta' inkonvenjent a kwantu ta' hsejjes li jistghu jsiru minn bandiera kbira hafna. Huwa qal li ghandu jinforma bit-twegibijiet fil-laqgha li jmiss.

## 13.0 Genna ta' Gonna... u hafna aktar!

13.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jidher li ghal darb'ohra l-attivita' regghet kienet wahda ta' success.

13.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk hux minnu li l-Floriana Supporters Club kienu gew offruti €100 biex ibieghu il-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill kif ukoll commision fuq il-bejgh.

13.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li kull sena il-Kunsill iqabbad lil xi hadd sabiex ibiegh il-pubblikazzjonijiet tieghu matul Genna ta' Gonna. Huwa qal li dejjem kien jithallas xi hadd sabiex jaghmel dan.

13.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jsibx oggezzjoni li wiehed jithallas somma fissa jew jinghata commission sabiex ibiegh il-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill izda mhux meta dan ikun qed ibiegh pubbliikazzjonijiet jew oggetti tieghu ukoll.

13.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dan apparti l-fatt li tali spiza ma gietx imressqa ghall-approvazzjoni tal-Kunsill bhalma kienu gew imressqa spizi ohra.

13.6 Is-Sindku qal li hu kien hu li kompla jinsisti li kull dettall jigi ccirkolat mal-kunsillieri sabiex kulhadd ikun informat. Minkejja dan hu jhoss li din tal-kotba kienet xi haga li kienet issir ta' kull sena u ghalhekk ma hassx li ghandu jressaqha ghall-approvazzjoni bl-istess mod li spizi annwali, bhalma huma l-insurance tal-Festival tan-Nar, ecc. Ma jitressqux ghax huma spejjes ta rutina, u wiehed jassumi li ser jigu approvati bhalma gew fis-snin ta' qabel.

13.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din il-kwistjoni kienet differenti minhabba li l-insurance hija xiri ta' servizz. Huwa kompla billi qal li ma jistax jifhem kif dawn thallsu bi hlas fiss kif ukoll bil-commission u li hu jhoss li tip ta' pagament wiehed kien ikun bizzejjed.

13.8 Is-Sindku Nigel Holland qal li hadd ma kien ser joqghod jinqala biex jithallas xi haga

zghira.

13.9 Is-Sindku qal li minkejja dan ghal darb'ohra ser jassigura li dan il-hlas jigi approvat mill-Kunsill ukoll.

**Nota: Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

13.10 Is-Sindku Nigel Holland qal li meta l-Kunsill jinvolvi lill-ghaqdiet, dan kien jghin biex jattira n-nies li jkunu midhla jew membri tal-ghaqda in partikolari lejn l-istess attivita` li jkun qed jorganizza l-Kunsill

13.11 Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill dejjem kien ihallas lil xi hadd u meta kkalkula l-ispejjez passati mas-Segretarju Ezekuttiv, kien irrizulta li l-Kunsill kien ser jaqbillu jipprocedi b'dan il-mod.

13.12 Is-Sindku qal li tant inbieghu kotba li kien hemm hin fejn kellu jidhol igib iktar kotba li ssoltu lanqas jinbieghu.

13.13 Il-Vici Sindku qal li l-attendenza kienet ahjar minn tas-sena l-ohra u jkompli jsostni li l-Kunsill ghandu jinvesti aktar f'din l-attivita' flimkien mal-attivita' tal-Festival tan-Nar minhabba li huma l-iktar zewg attivitajiet ta' success li jorganizza l-Kunsill, kif ukoll li ghandu jelimina kull attivita' ohra.

13.14 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li taghmel rimarka dwar il-mod kif hareg il-poster fejn fuqu kien jidher li l-hin huwa bejn id-9am u l-5pm minkejja li kien hemm attrazzjonijiet li ma baqghux miftuhin sa dan il-hin u ghalhekk dan seta' jkun deludenti ghal min ikun jixtieq izur xi post specifiku. Il-Kunsill qabel li ghandu jimplementa aggustament ghall-edizzjoni li jmiss.

13.15 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jibghat ittra ta' ringrazzjament lill-entitajiet kollha li ppartecipaw sabiex jirringrazzjahom tal-kooperazzjoni taghhom. Il-Kunsill qabel.

13.16 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jixtieq ifahhar id-disinn tal-poster ta' Genna ta' Gonna.

13.17 Is-Sindku qal li hu xorta wahda jhoss li l-Kunsill mhux qed jaghmel uzu tajjeb mill-poster bhala mezz ta pubblicita` ghax il-poster irid ikun informattiv aktar..

## 14.0 Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi

14.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghad-decizjoni li ttiehdet mill-Kunsill fl-ahhar laqgha u rega' sostna li skont hu il-Kunsill kien imissu johrog it-tender fuq parti wada sabiex ma jirriskjax li jitlef il-fondi ghall-progett kollu.

14.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li nhar it-28 t'Ottubru ghandha tinzamm laqgha il-MEPA dwar l-applikazzjoni ta dan il-progett.

14.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien talab lil-Perit sabiex jitfa' s-sottomissjonijiet relatati mal-applikazzjoni

14.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mas-Sinjura Antoinette Vassallo dwar il-fatt li jista jkun cans kbir li l-progett ma jitlestiex fi zmien stipulat mill-Awtorita tad-Djar. Il-Kunsill qabel.

14.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jhoss li l-Kunsill ma kienx qed jiggieled bizzejjed ghal certu affarijiet u drittijiet u ha l-ezempju b'din il-kwistjoni fejn qal li l-Kunsill ghandu jinsisti li jigi

kkoncedut laqgha tas-sezzjoni li oggezzjonat ghal-permess (CHAC), liema sezzjoni ma kkoncedietx.

14.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' ghamel riferenza ghall-materja nru 14.1 u qal li ma jistax jifhem kif kienet ittiehdet din id-decizjoni. Is-Sindku qal li hu jhoss li l-Kunsill ma kellux icedi billi jipprocedi b'parti mill-progett izda li kellu jiggieled l-argument li l-Kunsill ghandu jinghata l-permess mill-Mepa ghall-progett.

14.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ma thossx li l-Kunsill ghandu joqghod juza l-media ghal dawn l-affarijiet kull darba li jkun hemm xi haga tat-tip.

14.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-idea tieghu hi li jifred l-applikazzjoni ghaz-zewg progetti biex sakemm l-Mepa jiddeciedu fuq il-parti tal-Polveristaprogett l-iehor, il-Kunsill jilhaq johrog is-sejha ghall-parti ta Pjazza Sir Luigi Preziosi. Huwa qal li jekk l-applikazzjoni tinqasam, b'dan il-mod il-Kunsill ma jitlifx fondi. Il-Kunsill qabel mal-proposta b'mod unanimu.

14.9 Is-Sindku Nigel Holland propona li l-offerti marbuta mal-Progett tal-Awtorita tad-Djar ghandhom johorgu fuq bazi ta urgenza. Il-Kunsill qabel nem con.

## 15.0 Assemblea Generali Furjaniza

15.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien talab li din il-materja titla' fuq l-agenda tal-laqgha tal-Kunsill sabiex ikun jista' jipproponi u jigu approvati l-kelliema matul l-Assemblea izda kien ghad m'ghandux konfermi.

15.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jistieden lil Ray Debono Roberts sabiex jitkellem matul l-Assemblea izda s-Sindku qal li s-Sur Debono Roberts kien diga tkellem matul Assemblea precedenti u li l-Kunsill kien dejjem jipprova jsib kelliema differenti.

## 16.0 Programm ta Hidma 2012-2015

16.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li bhas-soltu fi tmiem legislatura ta' Kunsill isir ktejjeb bit-titlu programm ta' hidma li fih ikun hemm il-progetti li saru mill-kunsillieri eletti matul il-legislatura rispettiva.

16.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma taqbilx ma' din il-proposta minhabba li din kienet ser tammonta ghal spiza li setghet tintuza ghal affarijiet ohra.

16.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-ahhar darba li kien sar dan il-ktejjeb, kien hemm hafna kopji li kienu thallew fuq l-ghetiebi u mal-art fit-triq.

16.4 Is-Sindku qal li d-distribuzzjoni ta' dawn il-kotba setghet tigi kkontrollata iktar izda wiehed irid l-ewwel jiehu decizjoni jekk hux ser jippublika l-ktejjeb jew le.

16.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg qalu li xorta wahda ma jaqblux li dan il-ktejjeb ghandu jsir.

16.6 Is-Sindku Nigel Holland u l-Kunsillier Edward Torpiano kienu favur li jsir il-ktejjeb.

16.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma jaqbilx mal-ispiza msemmija izda lest jikkunsidra li l-ktejjeb isir jekk il-Kunsill ikun lest jaghmel ktejjeb b'dimensjoni izghar, bi prezz hafna irhas u b'disinn ahjar minn dak li soltu jsir.

16.8 Ghalhekk il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li jingiebu kwotazzjonijiet li ghandhom jitressqu ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**Nota: 19:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 17.0 Kompetizzjoni ta' Presepji / Gallarijiet mzejna fi Zmien il-Milied

17.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li f'legislatura precedenti kienet saret kompetizzjoni li ghaliha jidhirlu li kien hemm konkorrenza sodisfacenti.

17.2 Huwa qal li l-idea hija li l-presepji jkunu ghal wiri sabiex tinholoq atmosfera ferrihija billi jintremghu presepji fil-bibien u t-twieqi, ecc.

**Nota: 19:18 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

17.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill joffri premju ghar-rebbieh fost il-partecipanti billi jitlob sponsorship. Hu qal li lest jitkellem ma xi kumpanija dwar il-possibilta' ta' dan. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 18.0 Monument tal-V.18

18.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li qabel ma nqalghet il-polemika tal-istqarrija stampa, hu kien diga stqarr il-pozizzjoni tieghu.

18.2 Huwa qal li hu kien talab pariri differenti dwar jekk setax jaghmel uzu minn letterhead tal-Kunsill u kien gie nformat li s-Sindku seta' jaghmel uzu mil-letterhead tal-Kunsill bil-kundizzjoni li jaghmilha cara li l-korrispondenza kienet tirrifletti l-opinjoni tieghu bhala Sindku u mhux tal-Kunsill kollu.

18.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien anke talab lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali izda ma kienx inghata risposta cara u l-artiklu fil-kodici ta etika li rreferew ghalih kien wiehed ambigwu.

18.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jhoss li din il-kwistjoni giet eskalata u mkabbra zzejjed.

18.5 Is-Sindku qal li minkejja dan, ser ifittex decizjoni cara dwar l-uzu tal-letterhead.

18.6 Is-Sindku qal ukoll li hu jhoss li ghandu d-dritt li jikkritika l-entitajiet jekk ihoss li dawn ikunu qed jonqsu minn dmirijithom izda ma jixtieqx li jidhol f'kunflitt mal-kunsillieri u jekk ikun il-kaz, allura jista' jikkunsidra li jsejjah konferenza stampa f'ismu.

18.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jinsab kuntent bl-atitudni li adotta s-Sindku waqt il-laqgha. Huwa kompla billi qal li hu wkoll ma kienx jaqbel mal-atitudni li ttiehdet mill-V18 u jkompli jsostni li l-Kunsill ghandu jkun informat b'kull haga li tkun ser tolqot lil-lokalita'. Huwa qal li minkejja dan xorta ma jaqbilx mat-ton utilizzat fl-istqarrija u mal-aggressivita' li giet utilizzata fiha.

18.8 Il-Vici Sindku qal li hu jifhem li kulhadd kellu stil personali li bih jikteb u jahseb izda xorta jibqa' l-fatt li hu jippreferi li juza stil li bih jintlahaq kompromess.

18.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li wara li kien ivverifika mal-kodici t'etika, l-artiklu jghid li ma setax isir uzu mir-rizorsi tal-Kunsill ghal attivita' li ghaliha ma jkunx hemm l-approvazzjoni mill-

Kunsill.

18.10 Huwa qal li wara li harget din l-istqarrija, huwa hass li hu kellu johrog stqarrija sabiex jiddissocja ruhu minn dak li kien intqal.

18.11 Il-Vici Sindku kompla billi qal li fuq il-pagna ta' Facebook tieghu, kien hemm kumment fejn l-istqarrija tieghu kienet giet iddikjarata bhala stqarrija anti-Furjaniza. Huwa qal li dan ma kienx minnu u li l-istqarrija tieghu kienet tiddissocja ruhu biss mill-istqarrija li harget mis-Sindku.

18.12 Il-Vici Sindku ghamel riferenza ghal meta hu kien tkellem fuq il-media dwar l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena fejn qal li hu kien tkellem u wera l-opinjoni tieghu izda kien ghamel dan f'ismu personali u minghajr ma uza mezzi tal-Kunsill.

18.13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi ma taqbilx mal-mod kif mexa s-Sindku minhabba li apparti li l-istqarrija nharget fuq letterhead tal-Kunsill, din kienet intbaghtet mill-indirizz elettroniku tal-Kunsill kif ukoll giet iffirmata bil-kariga u t-titlu ta' Sindku. Hija qalet li permezz ta' dan, tali stqarrija bilfors ser tigi assocjata mal-Kunsill Lokali Floriana u mhux mal-individwu per se.

18.14 Is-Sindku Nigel Holland qal li jekk il-kunsillieri xtaqu jbiddlu xi parti mill-istqarrija li kien ppropon originarjamenta, setghu ppropornew dan u mhux jivvotaw kontra minghajr suggerimenti.

18.15 Huwa kompla billi qal li hu kien talab lill-istaff amministrattiv sabiex jinforma lill-kunsillieri li l-istqarrija kienet ser tohrog f'isem is-Sindku u mhus f'isem il-Kunsill. Huwa qal li l-kunsillieri jafu bizzejjed li l-impjegat in kwistjoni kien informahom tard minhabba li dahlu nies biex jinqdew, u b'hekk inqabad f'dan il-mument u ma setax jibghatha iktar kmieni.

18.16 Is-Sindku ghamel riferenza ghall-istqarrija li nharget mill-kunsillieri u qal li jhoss li s-Segretarju Ezekuttiv ma kellux johrog l-istqarrija meta harigha minhabba li din setghet stenniet sakemm ikun hemm il-kummenti ta' kulhadd. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien bat din l-istqarrija appena kien hemm il-maggoranza favur bi tlett voti.

18.17 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li s-Sindku ma setax iwaqqaf li din l-istqarrija tinhareg ladarba kien hemm approvazzjoni b'maggoranza.

18.18 Is-Sindku sostna li din missha nharget bhalma tohrog issoltu u mhux bil-mod kif saret, jigifieri li tintalab approvazzjoni/kummenti mill-Kunsillieri kollha, ghax ghall-grazzja tal-argument kemm hu kif ukoll il-Kunsillier Edward Torpiano setghu ppropornew tibdil jew zidet fl-istess stqarrija stampa li setghu gew accettati.

18.19 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet ukoll li ma thossx li l-Kunsill ghandu jkompli jikkritika fil-media b'dan il-mod jekk jippretendi li dawn jibqghu jigu ghall-konferenzi stampi.

18.20 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jaqbel mal-Kunsilliera Sammut Hili u jhoss li l-Kunsill seta' jaghmel uzu mill-media b'mod aktar intelligenti.

18.21 Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li ghandu dejjem jipprova jinstab kompromess u mhux mal-ewwel argument, johrog attakk jew dikjarazzjoni fil-media

18.22 Is-Sindku Nigel Holland qal li nnota li l-attitudnijiet ta' certu kunsillieri ivarjaw minn Kunsill ghall-iehor filwaqt li l-atitudni tieghu ma tvarjax skont partit jew iehor li jkun fil-Gvern. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-atitudni taghha ma kienet varjat qatt.

18.23 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jhoss li meta xi hadd jiffirma bit-titlu u l-kariga ta' Sindku bilfors ser jizzeffen il-Kunsill fin-nofs. Huwa qal li din l-istqarrija missha harget taht isem is-Sindku u mhux bil-kariga ta' Sindku.

18.24 Is-Sindku qal li l-media kollha kienu qalu li l-istqarrija kienet harget f'isem is-Sindku u mhux f'isem il-Kunsill Lokali Floriana hlief ghall-media tal-Partit Nazzjonalista.

18.25 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-media kienet intelligenti u ghamlet id-distinzjoni ghall-eccezjoni msemmi, u anke li kieku d-dikjarazzjoni nharget iffirmata Nigel Holland, dawn xorta wahda kienu ser jirreferu ghalih bhala s-Sindku

18.26 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ghalhekk kellu jiccara li l-opinjoni kienet tieghu personali u mhux tal-kunsill kollu.

18.27 Is-Sindku qal li ghal darb'ohra ser jikkunsidra johrog l-istqarrijiet fuq letterhead ta' Floriana l-Ewwel halli hekk ikun jista' johrog l-istqarrija kif irid hu.

18.28 Is-Sindku qal ukoll li xtaq li jkollu parir fiss legali rigward l-uzu tal-letterhead sabiex ikun jista' jimxi skont il-ligi.

## <u>19.0 Aġġornament tal-laqgħa</u>

19.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fit-8.00 pm.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv